



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.1.2017
COM(2017) 41 final

**KOMUNIKAZZJONI MILL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL EWROPEW U LILL-KUNSILL**

Ir-raba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina

Ir-raba' rapport ta' progress lejn Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina

I. INTRODUZZJONI

Dan huwa r-raba' rapport ta' kull xahar dwar il-progress li sar biex tinbena Unjoni tas-Sigurtà effettiva u ġenwina u jkopri l-iżviluppi fiż-żewġ pilastri ewlenin: *l-indirizzar tat-terroriżmu u tal-kriminalità organizzata u l-mezzi li jappoġġawhom; u t-tisħiħ tad-difiżi tagħna u l-bini ta' reżiljenza kontra dan it-theddida*. Dan ir-rapport jiffoka fuq erba' oqsma ewlenin, is-sistemi tal-informazzjoni u l-interoperabbiltà, il-protezzjoni ta' miri faċli, it-theddida ċibernetika u l-protezzjoni tad-dejta fil-kuntest ta' investigazzjonijiet kriminali.

L-attakk tas-suq tal-Milied ta' Diċembru f'Berlin għal darba oħra ġibed l-attenzjoni għal dgħufijiet serji fis-sistemi tal-informazzjoni tagħna li għandhom bżonn jiġu indirizzati b'mod urġenti, b'mod partikolari fil-livell tal-UE, sabiex l-awtoritajiet nazzjonali tal-fruntiera u tal-infurzar tal-liġi fuq il-post ikunu jistgħu jiġu meġġuna jwettqu l-ħidma diffiċli tagħhom b'mod aktar effettiv. Il-fatt li s-sistemi ta' informazzjoni differenti mhumiex interkonnessi - li jippermetti lill-aggressuri sabiex jużaw identitajiet multipli sabiex jiċċaqilqu mingħajr ma jinqabdu, inkluż meta jaqsmu l-fruntieri - u l-fatt li dik l-informazzjoni ma tittellax b'mod sistematiku mill-Istati Membri fil-bażijiet tad-dejta rilevanti tal-UE huma nuqqasijiet prattiċi fl-implimentazzjoni li jenħteġ li jiġu rrimedjati b'urġenza. Minbarra dan, f'dak li jirrigwarda l-miżuri għall-infurzar tal-liġi fuq il-fruntieri u r-ritorn ta' persuni li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-ażil ġew miċħuda, huwa wkoll meħtieġ aktar xogħol¹.

F'termini ta' protezzjoni ta' miri faċli, il-Kummissjoni se taċċellera l-ħidma li qed tagħmel sabiex iġġib flimkien esperti mill-Istati Membri biex jiskambjaw l-aħjar Prattika u jfittiehm u dwar linji gwida standard.

It-theddida ċibernetika li l-UE qed tiffaċċa qiegħda tingħata kopertura estensiva fil-midja u dan ir-rapport iħares lejn diversi aspetti ta' ħidma f'dan il-qasam li jinsabu diġà għaddejjin. Dan ikopri kemm il-lat tal-prevenzjoni – permezz tal-ħidma mal-industrija għall-promozzjoni tas-sigurtà sa mit-tfassil u l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar is-Sigurtà tal-Infurmazzjoni – u t-trawwim ta' kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u ma' organizzazzjonijiet u msieħba internazzjonali dwar l-indirizzar ta' attakki ċibernetiċi hekk kif iseħħu. Matul ix-xhur li ġejjin, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u Politika tas-Sigurtà se jidentifikaw l-azzjonijiet meħtieġa biex jipprovdu rispons effettiv madwar l-UE kollha għal dan it-theddida, u jibnu fuq l-Istrateġija dwar iċ-Ċibersigurtà tal-UE tal-2013.

Il-ħarsien tal-privatezza u tad-dejta personali tal-individwi huwa dritt fundamentali ewleni u għalhekk element fundamentali f'kull azzjoni lejn Unjoni tas-Sigurtà ġenwina. Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta għall-pulizija u l-qasam tal-ġustizzja kriminali adottata f'April 2016 tiżgura livell għoli komuni ta' protezzjoni tad-dejta u għaldaqstant se tiffaċilita l-iskambju bla xkiel tad-dejta rilevanti bejn l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri. Il-Kummissjoni nediet ukoll reviżjoni tad-Direttiva ePrivacy bħala

¹ Il-Kummissjoni se tressaq Pjan ta' Azzjoni rivedut dwar ir-ritorni fil-ġimgħat li ġejjin, ara r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar l-operazzjonalizzazzjoni tal-Gwardja Ewropea tal-Kosta u tal-Fruntiera, COM(2017) 42.

parti mill-Pakkett tad-Dejta tagħha sabiex testendi l-kopertura tad-Direttiva biex tinkludi l-fornituri kollha tal-komunikazzjoni elettronika u ġgħib id-dispożizzjonijiet tagħha f'konformità mar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta. Din il-proposta hija mfassla biex tiżgura l-privatezza tal-komunikazzjoni elettronika filwaqt li tistabbilixxi wkoll ir-raġunijiet għaliex jistgħu jkunu previsti restrizzjonijiet tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament tal-Privatezza Elettronika, inkluż għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali jew ta' investigazzjonijiet kriminali.

II. INSAĦĦU S-SISTEMI TAL-INFORMAZZJONI U L-INTEROPERABILITÀ

Id-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tal-President Juncker f'Settembru 2016 u l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Diċembru 2016 jirreferu għall-importanza li jingħelbu n-nuqqasijiet attwali fil-ġestjoni tal-informazzjoni u li jittejjbu **l-interoperabbiltà u l-interkonnnessjoni bejn is-sistemi ta' informazzjoni eżistenti**. Żviluppi riċenti reġgħu enfasizzaw il-ħtieġa urġenti biex il-bażijiet tad-dejta eżistenti tal-UE jiġu marbuta flimkien, mhux l-inqas biex jagħtu lill-forzi tal-infurzar tal-fruntieri u tal-liġi fuq il-post l-għodod meħtieġa biex jidentifikaw il-frodi tal-identità. Pereżempju, min wettaq l-attakk terroristiku ta' Diċembru 2016 f'Berlin uża mill-inqas 14-il identità differenti u rnexxielu jaqsam minn Stat Membru għal ieħor mingħajr ma jinqabad. Hemm ħtieġa ċara li s-sistemi ta' informazzjoni eżistenti u futuri tal-UE jkun jista' jsir tiftix fihom simultanjament permezz tal-użu ta' identifikaturi bijometriċi biex tingħalaq din it-triq għat-terroristi u l-kriminali.

F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni nediet il-ħidma f'April 2016 bil-proposti tagħha għal "sistemi ta' informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-fruntieri u għas-sigurtà"². Dawn identifikaw nuqqasijiet fil-funzjonalitajiet tas-sistemi eżistenti, nuqqasijiet fl-arkitettura tal-UE tal-ġestjoni tad-dejta, problemi bix-xenarju kumpless ta' sistemi ta' informazzjoni mmexxija b'modi differenti u frammentazzjoni ġenerali kkawżata mill-fatt li s-sistemi eżistenti kienu mfassla individwalment minflok biex jaħdmu flimkien. Bħala parti minn dan il-proċess, il-Kummissjoni nediet il-**Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli dwar Sistemi ta' Informazzjoni u Interoperabbiltà** mal-Aġenziji tal-UE, l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti. Fil-21 ta' Diċembru 2016³ rapport taċ-Chairman ippreżenta s-**sejbiet provviżorji** tal-grupp li jinkludu l-għażla ta' prijorità li jinħoloq Portal Uniku tat-Tiftix biex jippermetti lill-awtoritajiet nazzjonali tal-infurzar tal-liġi u tal-fruntieri biex ifittxu b'mod simultanju fil-bażijiet tad-dejta u fis-sistemi tal-informazzjoni eżistenti tal-UE. Ir-rapport interim jenfasizza wkoll l-importanza tal-kwalità tad-dejta - peress li s-sistemi ta' informazzjoni huma effettivi biss daqs il-kwalità u l-format tad-dejta mdaħħla fihom - u jagħmel rakkomandazzjonijiet biex tittejjeb il-kwalità tad-dejta fis-sistemi tal-UE permezz ta' kontroll tal-kwalità awtomatizzat tad-dejta.

Il-Kummissjoni se tagħmel segwitu malajr dwar l-għażla biex jinħoloq Portal Uniku tat-Tiftix u, flimkien mal-aġenzija tal-UE għat-tmexxija operattiva tas-sistemi tal-IT fuq skala kbira, eu-LISA, se tibda l-ħidma tagħha fuq portal kapaċi li jfittex b'mod parallel

² Il-Komunikazzjoni "Sistemi ta' Informazzjoni aktar b'saħħithom u aktar intelliġenti għall-Fruntieri u s-Sigurtà" COM(2016) 205 Final.

³ <http://ec.europa.eu/transparency/regexpert/index.cfm?do=groupDetail.groupDetailDoc&id=28994&no=1>

is-sistemi eżistenti tal-UE rilevanti kollha. Studju relatat għandu jkun lest sa Ġunju, bħala bażi għat-tfassil u l-ittestjar ta' prototip tal-portal qabel tmiem is-sena. Il-Kummissjoni tqis li b'mod parallel il-Europol għandu jkompli l-ħidma tiegħu fuq interfaċċa tas-sistema li tippermetti lill-uffiċjali ta' fuq il-post tal-Istati Membri sabiex jikkonsultaw awtomatikament il-bażijiet ta' dejta tal-Europol meta jkunu qed jikkonsultaw is-sistemi nazzjonali tagħhom.

Il-ħidma lejn l-interoperabilità tas-sistemi tal-informazzjoni għandha l-għan li tegħleb il-frammentazzjoni attwali fl-arkitettura tal-UE tal-ġestjoni tad-dejta għall-kontroll tal-fruntieri u s-sigurtà u l-punti inviżibbli relatati. Meta l-bażijiet tad-dejta jużaw repożitorju komuni ta' bażijiet ta' dejta ta' identità - kif previst għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ tal-UE proposta u s-Sistema ta' Informazzjoni u Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar Ewropea (ETIAS) proposta - persuna tista' tiġi rreġistrata b'identità waħda biss fil-bażijiet tad-dejta differenti, li jimpedixxi l-użu ta' identitajiet foloz differenti. Bħala l-ewwel pass kif issuġġerit fis-sejbiet interim tal-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli, il-Kummissjoni talbet lil eu-LISA biex tanalizza l-aspetti tekniċi u operazzjonali tal-implimentazzjoni ta' servizz kondiviż ta' tqabbil bijometriku. Dan is-servizz jippermetti tfitxijiet f'diversi bażijiet tad-dejta b'dejta bijometrika, li jista' jikxef identitajiet foloz użati mill-persuna kkonċernata f'sistema oħra. Minbarra dan, il-Grupp ta' Esperti ta' Livell Għoli issa għandu jivvaluta jekk huwiex neċessarju, teknikament fattibbli u proporzjonali li jiġi estiż għal sistemi oħra **r-repożitorju komuni tal-identità** maħsub għas-Sistema ta' Dħul/Ħruġ u l-ETIAS. Minbarra d-dejta bijometrika maħżuna fis-servizz ta' tqabbil bijometriku, dan ir-repożitorju komuni tal-identità jkun jinkludi wkoll dejta ta' identifikazzjoni alfanumerika. Il-Grupp huwa mistenni jippreżenta s-sejbiet tiegħu dwar dan fir-rapport finali tiegħu sa tmiem April 2017.

Żviluppi reċenti tas-sigurtà jenfasizzaw il-ħtieġa li terġa' tiġi eżaminata l-kwistjoni ta' **qsim ta' dejta obbligatorju** bejn l-Istati Membri. Il-proposta tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2016 biex tissaħħaħ **is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen** tipprevedi - għall-ewwel darba - obbligu għall-Istati Membri li joħorġu twissijiet dwar persuni relatati ma' reati terroristiċi. Huwa importanti li l-koleġislaturi issa jaħdmu għall-adozzjoni rapida tal-miżuri proposti. Il-Kummissjoni tinsab lesta li teżamina jekk obbligu mandatorju għall-kondiviżjoni ta' informazzjoni għandux jiġi introdott għal bażijiet tad-dejta oħra tal-UE.

III. INĦARSU L-MIRI FAĊLI TAGĦNA MILL-ATTAKKI TERRORISTIĊI

L-attakk ta' Berlin kien l-iktar wieħed reċenti fl-UE li kien dirett lejn hekk imsejħa miri faċli, li tipikament huma siti ċivili fejn in-nies jinġabru f'numri kbar (pereżempju spazji pubbliċi, sptarijiet, skejjel, areni tal-isports, ċentri kulturali, kafès u ristoranti, ċentri kummerċjali u ċentri tat-trasport). Min-natura tagħhom stess, dawn il-postijiet huma vulnerabbli u diffiċli biex tipproteġihom u huma wkoll ikkaratterizzati mill-probabbiltà ta' numru kbir ta' mwiet u korrimenti f'każ ta' attakk. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, huma ppreferuti mit-terroristi. It-theddida ta' attacchi futuri kontra miri faċli inkluż it-

trasport għadha għolja, kif ikkonfermat mill-valutazzjonijiet disponibbli, inkluż ir-rapport tal-Europol dwar il-*modus operandi* tad-Daesh⁴.

L-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà tal-2015 u l-Komunikazzjoni tal-2016 dwar l-Unjoni tas-Sigurtà enfasizzat il-ħtieġa għal aktar ħidma biex titjieb is-sigurtà u l-użu ta' għodod u teknoloġija ta' detezzjoni innovattivi fil-protezzjoni ta' miri faċli. Il-Kummissjoni ħadmet biex tappoġġa u tinkoraġġixxi l-qsim tal-aħjar Prattika bejn l-Istati Membri fl-iżvilupp ta' għodod aħjar biex jevitaw attakki fuq miri faċli u jirrispondu għalihom. Dan ix-xogħol ipproduċa manwali operazzjonali u materjal ta' gwida. Bħalissa, il-Kummissjoni qed tiżviluppa, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti tal-Istati Membri, manwal komprensiv dwar proċeduri ta' sigurtà u templates applikabbli għal tipi differenti ta' miri faċli (pereżempju, ċentri kummerċjali, sptarijiet u avvenimenti sportivi u kulturali). L-għan huwa li jinħarġu linji gwida għall-Istati Membri dwar il-protezzjoni ta' miri faċli fil-bidu tal-2017 abbażi tal-aħjar Prattiki fl-Istati Membri.

B'mod parallel, il-Kummissjoni se tlaqqa' fi Frar l-ewwel sessjoni ta' ħidma mal-awtoritajiet nazzjonali dwar il-Protezzjoni tal-Miri Faċli, bil-għan li tiġi skambjata informazzjoni u jiġu żviluppati l-aħjar Prattiki dwar il-kwistjoni kumplessa tal-protezzjoni ta' miri faċli u s-sikurezza u s-sigurtà pubbliċi. Il-Kummissjoni qed tiffinanzja wkoll proġett pilota mill-Belġju, in-Netherlands, u l-Lussemburgu taħt il-Fond għas-Sigurtà Interna sabiex jiġi stabbilit Ċentru ta' Eċċellenza reġjonali għall-interventi speċjali tal-infurzar tal-liġi li se joffri taħriġ għal uffiċjali tal-Pulizija li ta' spiss ikunu l-Ewwel Nies li Jintervjenu f'każ ta' attakk.

Ir-rispons għal attakki fuq miri faċli huwa komponent ewlieni tal-ħidma tal-Kummissjoni dwar il-protezzjoni ċivili. F'Diċembru, il-Kummissjoni ħabbret l-azzjonijiet li biħsiebha tiegħu mal-Istati Membri sabiex tħares liċ-ċittadini tal-UE u tnaqqas il-vulnerabbiltajiet immedjatement wara attakki terroristiċi. Dawn l-azzjonijiet se jsaħħu l-koordinazzjoni bejn l-atturi kollha involuti fil-ġestjoni tal-konsegwenzi tal-attakki u l-Kummissjoni impenjat ruħha li tappoġġa l-isforzi tal-Istati Membri billi tiffaċilita taħriġ u eżerċizzji konġunti u billi tiżgura li jkun hemm djalogu sostnut permezz ta' punti fokali u gruppi ta' esperti eżistenti. Il-Kummissjoni se tappoġġa wkoll l-iżvilupp ta' moduli speċjalizzati għar-reazzjonijiet għal attakki terroristiċi fil-qafas tal-Mekkaniżmu għall-Protezzjoni Ċivili tal-Unjoni u inizjattivi għall-qsim tat-tagħlimiet meħuda u għas-sensibilizzazzjoni pubblika.

Flinnkien mal-Istati Membri, il-Kummissjoni se tesplora wkoll liema appoġġ tal-UE jista' jiġi mobilizzat biex jgħin biex tinbena r-reżiljenza u tissaħħaħ is-sigurtà madwar il-miri faċli potenzjali. L-Istati Membri jistgħu wkoll japplikaw għal finanzjament mill-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) (inkluż il-Fond Ewropew għall-Investimenti Strateġiċi) f'konformità mal-politiki tal-UE u tal-Grupp tal-BEI. Kull proġett għandu jkun suġġett għall-proċeduri normali għat-teħid tad-deċiżjonijiet kif stabbilit fil-leġislazzjoni.

Fir-rigward tal-miri faċli speċifiċi fir-rigward ta' żoni pubbliċi tat-trasport, bħall-partijiet pubbliċi tal-ajruporti jew l-istazzjonijiet ferrovjarji, is-sessjoni ta' ħidma ddedikata tal-Kummissjoni f'Novembru 2016 ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati ġibdet l-attenzjoni għall-ħtieġa li jinżamm il-bilanċ bejn il-bżonnijiet tas-sigurtà, il-konvenjenza

⁴ Europol, *Changes in modus operandi of Islamic State (IS) revisited*, Novembru 2016 – Europol Public Information, disponibbli fuq: <https://www.europol.europa.eu/publications-documents/changes-in-modus-operandi-of-islamic-state-revisited>

tal-passiġġieri u l-operazzjonijiet tat-trasport. Il-konklużjonijiet jissottolinjaw l-importanza tal-bini ta' kultura tas-sigurtà li tkopri mhux biss il-persunal iżda wkoll il-passiġġieri, l-importanza ta' valutazzjonijiet tar-riskji lokali bħala bażi għad-definizzjoni ta' kontromiżuri xierqa u l-ħtieġa li tittejjeb il-komunikazzjoni bejn il-partijiet kollha involuti.

IV. NIFFAĊĊAW L-ISFIDI TAT-THEDDID ĊIBERNETIKU

Iċ-ċiberkriminalità u l-attakki ċibernetiċi huma sfidi ewlenin li qed tiffaċċa l-Unjoni u huma sfidi fejn azzjoni fil-livell tal-UE tista' tgħin biex tissaħħaħ ir-reżiljenza kollettiva tagħna. Kuljum, inċidenti taċ-ċibersigurtà jagħmlu ħsara serja lill-ħajjiet tan-nies u joħlqu ħsara ekonomika kbira għall-ekonomija Ewropea u għan-negozji Ewropej. L-attakki ċibernetiċi huma komponent ewlieni tat-theddid ibridu - meta jkunu ppjanati biex iseħħu preċiż fl-istess mument ma' theddid fiżiku, pereżempju flimkien mat-terroriżmu, jista' jkollhom impatt devastanti. Jistgħu wkoll jikkontribwixxu biex jiddestabbilizzaw pajjiż jew jisfidaw l-istituzzjonijiet politiċi u l-proċessi demokratiċi fundamentali tiegħu. Hekk kif qed niddependu dejjem aktar fuq it-teknoloġiji onlajn, l-infrastrutturi kritiċi tagħna (minn sptarjiet sa impjanti tal-enerġija nukleari) se jsiru dejjem aktar vulnerabbli.

L-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE mill-2013 tiffirma parti mir-rispons ta' politika ewlieni dwar l-isfidi taċ-ċibersigurtà. L-azzjoni ċentrali hija d-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Netzwerke u tal-Information (NIS)⁵, adottata f'Lulju li għadda. Hija tistabbilixxi l-bażi għal kooperazzjoni u reżiljenza ċibernetika mtejba fil-livell tal-UE permezz ta' appoġġ għall-kooperazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-promozzjoni ta' kooperazzjoni operazzjonali f'inċidenti taċ-ċibersigurtà speċifiċi u l-qsim tal-informazzjoni dwar ir-riskji. Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti f'setturi differenti u bejn il-fruntieri, il-Kummissjoni se torganizza l-ewwel laqgħa tal-Grupp ta' Kooperazzjoni tal-NIS mal-Istati Membri fi Frar.

F'April 2016, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE adottaw Qafas Konġunt dwar il-Ġlieda kontra Theddid Ibridu⁶ li ppropona 22 azzjoni operazzjonali mmirati għas-sensibilizzazzjoni, għall-bini tar-reżiljenza, għal rispons aħjar għall-kriżijiet u għal tisħiħ tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. Kif mitluba jagħmlu mill-Kunsill, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli se jipprovdu rapport sa Lulju 2017 biex jivvalutaw il-progress.

Il-Kummissjoni qiegħda wkoll tippromwovi u tappoġġa l-innovazzjoni teknoloġika, inkluż permezz tal-użu tal-fondi tal-UE għar-riċerka sabiex jiġu xprunati soluzzjonijiet ġodda u jinħolqu teknoloġiji ġodda li jistgħu jgħinu biex tissaħħaħ ir-reżiljenza tagħna kontra l-attakki ċibernetiċi (pereżempju proġetti ta' "sigurtà sa mit-tfassil"). Is-sajf li għadda nedejna sħubija privata ta' EUR 1,8 biljun dwar iċ-ċibersigurtà mal-industrija⁷.

Fit-trasport, id-diġitalizzazzjoni qed issir element ewlieni tat-trasformazzjoni tas-sew meħtieġa tas-sistema tat-trasport ta' llum. Il-pass mgħaġġel tad-diġitalizzazzjoni jgħib

⁵ Id-Direttiva (UE) 2016/1148 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Lulju 2016 dwar miżuri għal livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tas-sistemi tal-informazzjoni madwar l-Unjoni.

⁶ JOIN (2018)18.

⁷ Imħabbra fil-Komunikazzjoni tal-2016 tar-Reżiljenza Ċibernetika, COM(2016) 410 final.

miegħu ħafna benefiċċji, iżda jagħmel ukoll it-trasport aktar vulnerabbli għar-riskji tas-sigurtà ċibernetika jew tas-sikurezza ċibernetika. Bosta azzjonijiet huma meħuda biex titnaqqas it-theddida f'livelli differenti, speċifikament għall-avjazzjoni iżda wkoll għat-trasport marittimu, fuq ix-xmajjar, bil-ferrovija u bit-triq⁸. L-isfida li għad fadal hija li jiġu ċċarati, armonizzati u ssupplimentati aktar l-attivitajiet tal-partijiet ikkonċernati differenti involuti fit-tisħiħ ta' aspetti differenti tar-reżiljenza ċibernetika.

B'mod aktar wiesa', u fid-dawl tan-natura li qed tevolvi malajr tat-theddida, fix-xhur li g'ejjin, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-UE se jidentifikaw l-azzjonijiet meħtieġa biex jiġi pprovdut rispons effettiv madwar l-UE kollha għal dan it-theddid, fuq il-bażi tal-istrateġija dwar iċ-Ċibersigurtà tal-UE tal-2013.

V. INĦARSU D-DEJTA PERSONALI FILWAQT LI NAPPOĠĠAW L-INVESTIGAZZJONIJIET KRIMINALI EFFIĊJENTI

Id-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta għall-qasam tal-pulizija u tal-ġustizzja kriminali⁹ hija element bażiku fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità serja. Fuq il-bażi ta' standard komuni ta' protezzjoni tad-dejta stipulat f'din id-Direttiva, l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri se jkunu jistgħu jiskambjaw faċilment dejta rilevanti, filwaqt li d-dejta tal-vittmi, ix-xhieda u l-persuni ssuspettati b'reati se tkun protetta kif xieraq.

Minbarra dan, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' kunfidenzjalità tal-komunikazzjonijiet kemm għall-individwi kif ukoll għal-kumpaniji u kundizzjonijiet ekwi għall-parteċipanti kollha tas-suq, kif stipulat fl-Istrateġija tas-Suq Uniku Diġitali ta' April 2015, il-Kummissjoni adottat ir-**Regolament tal-Privatezza Elettronika** propost (li jissostitwixxi d-Direttiva 2002/58/KE) fil-11 ta' Jannar¹⁰. Kif inhu l-każ bid-Direttiva attwali, ir-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika rivedut jippartikolarizza r-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Dejta¹¹ u jistabbilixxi qafas li jirregola l-protezzjoni tal-privatezza u d-dejta personali fis-settur tal-komunikazzjoni elettronika.

⁸ Eżempji ta' dan huma linji gwida internazzjonali, bħal daww żviluppati mill-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO) permezz ta' Riżoluzzjoni tal-ICAO adottata riċentement, bl-inizjattiva konġunta tal-UE u tal-Istati Uniti; ir-rappurtar ta' inċidenti fejn modalità aktar reattiva qiegħda tiġi żviluppata bħaliisa mill-Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u ċ-ċibersigurtà sa mit-tfassil, applikabbli għal sistemi ġodda li qed jiġu żviluppati, bħal Pjan Direttur għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru mill-Impriża Konġunta SESAR.

⁹ Id-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li tħassar id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2008/977/ĠAI. Id-Direttiva, fis-seħħ mill-5 ta' Mejju 2016, se tiġi trasposta mill-Istati Membri sas-6 ta' Mejju 2018. Il-Kummissjoni waqqfet Grupp ta' Esperti mal-Istati Membri biex tiskambja fehmiet dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar il-Pulizija.

¹⁰ Ir-Regolament dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjoni Elettronika, COM(2017) 10.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) li se jsir applikabbli fil-25 ta' Mejju 2018.

Permezz ta' din ir-reviżjoni, id-dejta kollha tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, ukoll meta l-komunikazzjoni tkun anċillari, hija kkunsidrata kunfidenzjali/rrispettata - kemm jekk tgħaddi mis-servizzi tat-telekomunikazzjoni tradizzjonali kif ukoll jekk tgħaddi minn servizzi oħra hekk imsejħa Over-The-Top (OTT) li huma funzjonalment ekwivalenti (pereżempju, Skype u WhatsApp), li spiss saru interskambjabbli ma' operatori normali tat-telekomunikazzjonijiet għal ħafna utenti¹². L-obbligi imposti fuq il-fornituri tas-servizzi - minbarra li jirrispettaw l-għażliet tal-privatezza tal-klijenti tagħhom fl-użu, il-ħżin u l-ipproċessar tad-dejta tagħhom - jinkludu wkoll l-obbligu tal-fornituri tas-servizzi bbażati barra l-UE li jaħtru rappreżentant fi Stat Membru. Dan se jagħti wkoll lill-Istati Membri l-possibbiltà li jiffaċilitaw il-kooperazzjoni tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u għidizzjarji mal-fornituri tas-servizz biex ikollhom aċċess għal evidenza elektronika (ara hawn taħt).

Kif inhu l-każ skont ir-regoli attwali dwar il-Privatezza elektronika, l-aċċess tal-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u dawk għidizzjarji għall-informazzjoni elektronika rilevanti meħtieġa għal investigazzjoni tal-atti kriminali se jkun irregolat mill-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 11 tar-Regolament dwar il-Privatezza Elettronika¹³ propost. Din id-dispożizzjoni tagħti l-possibbiltà fid-dritt tal-UE jew nazzjonali li tiġi ristretta l-kunfidenzjalità tal-komunikazzjoni, fejn ikun neċessarju u proporzjonat, sabiex jiġu ssalvagwardjati s-sigurtà nazzjonali, id-difiża, is-sigurtà pubblika u l-prevenzjoni, l-investigazzjoni, il-qbid jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-esekuzzjoni ta' pjeni kriminali. Din id-dispożizzjoni hija rilevanti b'mod partikolari għar-regoli nazzjonali dwar **iż-żamma tad-dejta**, jiġifieri biex il-fornituri tas-servizz ta' telekomunikazzjoni jiġu obbligati jżommu d-dejta tal-komunikazzjoni għal perjodu speċifikat għall-aċċess possibbli mill-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, wara t-tħassir tad-Direttiva dwar iż-Żamma ta' Dejta mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja (QEĠ) fl-2014¹⁴. Minn dak iż-żmien, ma kien hemm l-ebda strument tal-UE għaż-żamma tad-dejta u xi Stati Membri adottaw il-liġijiet nazzjonali tagħhom stess għaż-żamma tad-dejta. Il-liġijiet taż-żamma tad-dejta Żvediżi u tal-Gran Brittanja ġew sfidati quddiem il-QEĠ li tat is-sentenza *Tele2* tagħha fil-21 ta' Diċembru¹⁵. Il-QEĠ sabet bħala inkompatibbli mad-dritt tal-UE leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-ġlieda kontra l-kriminalità, tistipula żamma ġeneralizzata u mingħajr distinzjoni tad-dejta kollha tat-traffiku u dwar il-lok ta' abbonati u utenti fir-rigward tal-mezzi kollha ta' komunikazzjoni elektronika. L-implikazzjonijiet tas-sentenza qed jiġu analizzati u l-Kummissjoni se tiżviluppa gwida dwar kif il-liġijiet nazzjonali dwar iż-żamma tad-dejta jistgħu jinbnew f'konformità mas-sentenza.

Il-kriminalità tħalli traċċi diġitali li jistgħu jservu bħala evidenza fil-proċedimenti tal-qorti; il-komunikazzjonijiet elettroniċi bejn persuni suspettati ħafna drabi huma l-unika traċċa li l-awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi u l-prosekuturi jkun jistgħu jiġbru. Madankollu, il-kisba tal-aċċess għal **evidenza elektronika** – speċjalment jekk tkun

¹² Dan isegwi l-approċċ meħud fid-Direttiva proposta li tistabbilixxi l-Kodiċi Ewropew tal-Komunikazzjoni Elettronika, ippreżentata mill-Kummissjoni fl-14 ta' Settembru 2016 (il-Pakkett tat-Telekomunikazzjonijiet), COM(2016) 590 final.

¹³ Ara l-Artikolu 11(1), il- "klawżola taż-żamma tad-dejta", li ma tinbidilx mill-Artikolu 15 tad-Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika u li hija allinjata mar-rekwiżiti tal-GDPR. Dawn ir-restrizzjonijiet iridu jirrispettaw l-essenza tad-drittijiet fundamentali u jkunu neċessarji, xierqa u proporzjonati.

¹⁴ Is-Sentenza tal-QEĠ fil-Kawżi Konġunti C-293/12 u C-594/12 *Digital Rights Ireland* tat-8 ta' April 2014.

¹⁵ Is-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Każijiet Konġunti C-203/15 u C-698/15 *Tele2* tal-21 ta' Diċembru 2016.

maħżuna f'pajjiż barrani jew fuq il-Cloud – tista' tkun kemm teknikament kif ukoll legalment kumplessa u hija ta' sikwit proċeduralment ta' piż, u dan ixekkel lill-investigaturi li jkunu jeħtieġu li jipproċedu malajr. Sabiex tindirizza dawn l-isfidi, il-Kummissjoni bħalissa qed tivvaluta soluzzjonijiet li jippermettu lill-investigaturi biex jiksbu evidenza elettronika transfruntiera, inkluż li l-assistenza legali reċiproka ssir aktar effiċjenti, li jinstabu mezzi ta' kooperazzjoni diretta ma' fornituri tas-servizzi tal-internet, u li jiġu proposti kriterji għad-determinazzjoni u għall-infurzar tal-ġuriżdizzjoni fl-ispazju ċibernetiku, f'konformità sħiħa mar-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-dejta.¹⁶ Il-Kummissjoni rrapportat lill-Kunsill tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni fid-9 ta' Diċembru 2016 dwar il-progress li sar¹⁷.

Proċess ta' konsultazzjoni ta' esperti komprensiv (u li għadu għaddej) iippermetta lill-Kummissjoni biex tiddefinixxi l-problemi varji u ta' spiss kumplessi mqajma mill-aċċess għal evidenza elettronika, sabiex jinkiseb fehim aħjar tar-regoli u l-prattiki attwali fl-Istati Membri, u jiġu identifikati għażliet possibbli ta' politika. Ir-rapport ta' progress jagħti ħarsa ġenerali lejn l-ideat li ħarġu sa issa matul il-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni u tal-esperti u li l-Kummissjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, se tinvestiga aktar fix-xhur li ġejjin. Kif imħabbar fil-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni, il-Kummissjoni se tippreżenta inizjattiva fl-2017.

VI. KONKLUŻJONI

Ir-rapport li jmiss, li huwa dovut fl-1 ta' Marzu, se jkun opportunità biex jiġi analizzat il-progress dwar l-implimentazzjoni ta' dawn is-setturi ewlenin ta' ħidma u oħrajn.

¹⁶ Skont l-impenn meħud fl-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà, COM(2015) 185 final, u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Azzjoni fuq l-Aġenda Ewropea dwar is-Sigurtà biex jiġi miġġieled it-terroriżmu u titwitta t-triq lejn Unjoni ta' Sigurtà effettiva u ġenwina, COM(2016) 230 final.

¹⁷ Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar it-titjib tal-ġustizzja kriminali fl-ispazju ċibernetiku tad-9 ta' Ġunju 2016, il-Kunsill appella lill-Kummissjoni biex tieħu azzjonijiet konkreti, tiżviluppa approċċ komuni tal-UE u tippreżenta miri tanġibbli sa Ġunju 2017.